MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2005

Avviz Numru. 6/1998/1

**Saliba Brothers (Plumbing and Electrical Fitters) Limited**

**Vs**

**Charles u Caroline mizzegwin Grech**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jigu kundannati li jhallsu lill-istess socjeta attrci s-somma ta' disa' mija u disgha u sebghin liri Maltin u tlieta u ghoxirn centezmu (Lm979.23) bilanc minn somma akbar dovut mill-konvenuti ghal xoghol u materjal ta' plumbing u elettriku ezegwit u supplit fuq inkarigu taghhom fir-residenza taghhom 9, Triq il-Hemel, Swieqi.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datati 1 ta' Novembru 1996 u 28 ta' Mejju 1998 flimkien mal-imghax

legali sal-jum tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenuti (fol 14 tal-atti) u li biha eccepew bir-rispett:-

1. Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjes stante li x-xoghol sar hazin u inoltre l-prezzijiet tal-attur nomine huma esagerati.
2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet taghha moghti fit-22 ta' Gunju 1999 (fol 17 ibid) u li bih gie nominat bhala espert tekniku "in materia', l-Arkitett u Inginier Civili Alan Saliba u dan bi qbil bejn il-partijiet involuti f'dan il-kaz.

Rat ir-<u>relazzjoni</u> sottomessa mill-istess espert tekniku (fol 26 et seq ibid) kif ukoll l-atti u dokumenti annessi mal-istess relazzjoni.

Semghet 'viva voce' lill-istess Perit Tekniku (fol 94 u fol 95 ibid).

Semghet it-trattazzjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, f'dan il-kaz, li trattasi ta' esekuzzjoni ta' kuntratt ta' appalt, esegwit mis-socjeta' attrici fuq inkarigu da parti tal-konvenuti, il-Qorti, in rigward l-eccezzjoni kif sottomessa mill-konvenut, trid tara jekk l-istess inkarigu giex esegwit skond l-arti u s-sengha, mis-socjeta attrici. F'kaz li dan ma avverax ruhu, l-istess Qorti trid tara jekk ix-xoghol difettuz kienx <u>minimu jew sostanzjat</u>. Difatti f'kaz li x–xoghol gie esegwit b'mod sostanzjalment difettuz, il-Qorti ghandha tiddikjara li l-ammont mitlub bhala prezz tal-appalt ma hux dovut sakemm jigu rimedjati skond kif tirrikjedi l-arti w s-sengha . F'kaz li l-istess difetti huma minimi, l-Qorti ghandha tordna l-hlas ta' ammont ridott skond il-valur tal-istess difetti.

Illi f'dan il-kaz, jidher li dawn id-difetti kienu akkwantu minimi u ghalhekk il-Qorti ser tirriduci l-ammont mitlub bil-valur ta' danni. Dan jidher mill-istess relazzjoni sottomessa mill-espert tekniku minn fejn jirrizulta illi d-difetti, risultanti mill-provi u fatturi ohra bhala testijiet esegwiti ghandhom jigu likwidati fl-ammont ta' Lm30.

Ikkunsidrat

Illi, in rigward l-eccezzjoni basata fuq rati esagerati, wara li jigi premess illi ma jidhirx li f'dan il-kaz kien hemm ftehim bejn il-partijiet dwar l-istess rati. Inoltre, l-espert tekniku kkonstata li l-ammont mitlub fl-avviz hu esagerat fis-somma ta' Lm74 (ara fol 39 u 40 tal-atti).

Ikkunsidrat

Illi, a basi tal-premess, il-Qorti hi tal-fehma illi l-ammont pretiz fl-avviz ghandu jitnaqqas b'Lm104, ghar-ragjunijiet hawn fuq premessi.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' 'in parte' it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex jhallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' Lm875.23,0 bl-imghax legali mid-data ta' din is-sentenza sa' dik tal-pagament effettiv.

In rigward l-ispejjes gudizzjarji inklusi dak tal-ittri ufficjali tal-1 ta' Novembru 1996 u tat-28 ta' Mejju 1998 dawn ghandhom jithallsu kwantu ghal wiehed minn disgha (1/9) mis-socjeta attrici u kwantu ghal tmienja minn disgha (8/9) mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------